MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1170/2002

**Joseph u Josephine konjugi Meli.**

**-vs-**

**Oman Construction Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-21 ta' Ottubru 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma s-sidien tal-proprjeta' li tinsab f'Birkirkara, u cioe' 36/38 Triq l-Ahwa Hyzler, mentri s-socjeta' konvenuta hija proprjetarja u qed tizviluppa bicca art adjacenti, precizament fuq in-naha ta' wara ghall-proprjeta' tal-atturi, u

cioe' sit ta' kostruzzjoni li tinsab Triq Gianni Vella parallel ma' Triq Manoel Vilheda, ukoll B'Kara.

Illi s-socjeta' konvenuta ghamlet tqattiegh tal-blat, hammlet u ghamlet xoghol fil-proprjeta' li qed tizviluppa fuq imsemmija u dan minghajr ma zammet id-distanza mill-proprjeta' tal-atturi kif kontemplat mill-artikolu 439 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, anzi baqghet diehla sahansitra sa taht l-istess pedamenti tal-fond residenzjali tal-atturi.

Illi minhabba l-inosservanza da parti tas-socjeta' konvenuta, gew ikkawzati danni fil-pedamenti tal-proprjeta' tal-atturi.

Illi minhabba agir irresponsabbli, u xoghol imwettaq kontra s-sengha u l-arti mis-socjeta' konvenuta, l-atturi sofrew u ghadhom isofru hsara fil-proprjeta' taghhom.

Illi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempljenti wara li kienet interpellata permezz ta' ittri bonarji ddatati 6 ta' Mejju 2002, fit-13 ta' Mejju 2002 u 6 ta' Settembru 2002, b'diversi kommunikazzjonijiet ohra, kif ukoll permezz ta' protest gudizzjarju li gie intvolat fl-10 ta' Gunju 2002.

Illi l-atturi intavolaw ukoll Mandat ta' Inibizzjoni fl-4 ta' Ottubru 2002, biex jikkawtelaw d-drittijiet taghhom u jissalvagwardjaw il-proprjeta' taghhom, kontra s-socjeta' konvenuta, u li gie akkordat minn din L-Onorabbli Qorti fid-9 ta' Ottubru, 2002 (bin-Numru 2013/02).

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li meta s-socjeta' konvenuta ghamlet tqattiegh tal-blat, hammlet u bdiet tizviluppa s-sit ta' kostruzzjoni li tinsab bejn Triq Ganni Vella parallel ma' Triq Manule Vilhena, B'Kara, li tigi precisament adjacenti u fuq in-naha ta' wara tal-proprjeta' tal-atturi u cioe', 36/38 Triq

L-Ahwa Hyzler, B'Kara m'ghamlitx hekk skond is-sengha u l-arti, billi ma zammitx id-distanza komminata mill-artikolu 439 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre li dahlet sahansitra taht il-pedamenti fil-proprjeta' tal-istess atturi, u garrbet hsarat fil-pedamenti u fil-binja ta' l-atturi.

2. Tordnalha u tikkundannaha sabiex fi zmien qasir u perentorju taghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji taht is-supervizjoni ta' periti nominandi a spejjez tas-socjeta' konvenuta, biex jigi assigurat li ma tkomplix tikber il-hsara li sofrew u qeghdin isofru l-atturi fil-proprjeta' taghhom;

U fin-nuqqas li taghmel dak lilha ordnat kif fuq mitlub, l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu dawk ix-xogholijiet ghall-fini tat-tieni talba a spejjez ta' l-istess socjeta' konvenuta.

3. Tillikwida u tordnalha l-hlas tad-danni sofferti mill-atturi fil-proprjeta' taghhom, u hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk l-ittri bonarji fuq citati, tal-protest gudizzjarju tal-10 ta' Gunju, 2002, u kif ukoll tal-Mandat ta' Inibizzjoni ddatat 4 ta' Ottubru, 2002, (bin-Numru 2013/02) u lis-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti ma ppresentaw ebda nota tal-eccezzjonijiet u kwindi baqghu kontumaci skond il-Ligi, nonostante li gew notifikati debitament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjes wara li semghet lill-attur u l-Avukati tal-atturi.

Illi l-attur fid-deposizzjoni tieghu spjega li fil-mori tal-kawza s-socjeta’ konvenuta ghamlet xi xoghol ta’ tiswija fil-fond proprjeta’ tieghu u ta’ martu u fil-mument ma jidhirx li hemm xi konsenturi jidhru. Kien ghalhekk illi fil-verbal imsemmi rrinunzja ghat-tieni talba. Kull ma ghamel spejjez kienu hamsa u disghin lira (Lm59) biex ihallas lill-perit inkarigat minnu.

**Illi ghalhekk il-Qorti fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li s-socjeta’ konvenuta kienet responsabbli ghall-hsarat li saru fil-proprjeta’ tal-atturi u li ma osservawx id-distanzi legali meta haffru fil-proprjeta’ adjacenti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ hamsa u disghin lira (Lm59) lill-atturi bhala danni sofferti sa issa, b’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi fil-futur minhabba danni li jistghu jirrizultaw.**

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------